MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 599/2004

**Perit David Xuereb u Mr. Francis Valletta ghan-nom u fl-isem
ta' San Andrea School**

**Vs**

**Joseph u Nathalie Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-atturi nomine fejn ippremettew illi l-konvenuti ghandhom jaghtu s-somma totali ta' tmien mija u tnejn u sittin Euro (€862), u cioe' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370), lill-attur bhala mizata tal-iskola dovuti mill-konvenuti ghal servizz ta' taghlim moghtija mill-attur matul is-sena skolastika 2002-2003 ghal beneficcju tal-konvenuti u tat-tifel minuri taghhom Jan Mifsud.

Peress illi minkejja l-fatturi tal-attur datati 1 ta' Settembru, 2002 u l-1 ta' April, 2003 kif ukoll diversi talbiet formali u

informali da parti tal-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti fil-hlas totali ta’ tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) li huma certi, likwidi u dovuti.

Ghaldaqstant, l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370), liema ammont huwa dovut kif hawn spjegat u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi l-ammont m’huwiex dovut u dan ghar-ragunijiet kif dedotti fl-Avviz numru 218/2004GMA fl-ismijiet Joseph Mifsud et vs The Parents Foundation for Education.

Peress illi dina l-kawza nstemghet mal-kawza fl-ismijiet Joseph Mifsud et. vs The Parents Foundation for Education et noe, (Avviz Nru. 218/2004), il-provi li nstemghu f’dik il-kawza ghandhom japplikaw ghal din il-kawza, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta’ dan it-Tribunal.

It-Tribunal esprima ruhu in kwantu jirrigwarda l-hlasijiet tal-mizati da parti tal-konvenuti u ghalhekk jaghmel referenza ghal istess sentenza fuq imsemmija fejn l-isfond tal-fatti u l-konsiderazzjoni tat-Tribunal huma spjegati fid-dettal.

Ghall-istess motivi indikati f’dik is-sentenza u stante li jirrizulta li l-ammont reklamat ghadu dovut, it-Tribunal jiddisponi minn din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tmien mija u tnejn u sittin Euro (€862), u cioe’ tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370), somma dovuta bhala mizata ghas-sena skolastika 2002-2003.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------